qed iċanfrek Maitreya, mhumiex ħaġa oħra ħlief l-effetti, mingħajr inti ma kont taf xejn bihom, ta' l-ewwel ġibdiet tiegħek, dawk il-ġibdiet u xewqat li ħadd ma jista' jrażżan. Ħadd ma jista' ma jobgħodx dak li jdejqu, u għalhekk ma jixtieqx li jiġi meqrud darba għal dejjem. In-natura hi egojista, u l-egojiżmu jisfa biss f'qerda. L-iktar bniedem safi jibda biex f'qalbu jkun ħażin, u kieku jkollhom igħaddu minn għalihom u jitwettqu l-ewwel ġibdiet u xewqat tiegħu, id-dinja ma kenitx iddum ma tisfa għerja mill-bnedmin. Jien inqdejt bik, ja Tooriri, biex nuri u nfisser dan li għidt. Il-ħaqq mill-bniedem jiġi msejjes fuq it-tieni xewqat tiegħu, għax dawn jitnisslu mir-rieda tiegħu. Kieku ma ġietx mogħtija lilek dik il-grazzja misterjuża li ħtija tagħha u mingħajr ma ridt int, l-aħħar jum ta' ħajtek kien mimli ġrajjiet koroh u delitti, inti kont żgur tissokta safi u ħanin ma' tul ħajtek kollha. Jien fik miniex ser nagħmel ħaqq min-natura tal-bniedem, iżda mir-rieda tiegħek li dejjem kienet tajba u li dejjem għamlet ħilitha biex issewwi n-natura u ttejjeb il-biċċa xogħol li fil-ħolqien tagħha, jien ħallejtha nieqsa f'xi rqaqat. Dan hu l-għaliex, mela, ja maħbub qaddej tiegħi, il-bwieb tal-ġenna huma miftuħa għalik, illum.

"Tajjeb ħej," qal Maitreya, "mela allura x'ser tagħmel bija? Liema ħlas hemm merfugħ għalija?"

"L-istess," wieġeb Ormuzd, "għalkemm int ma tistħoqqux għal kollox. Inti kont qaddis, imma fl-istess ħin ma bqajtx bniedem ħlief fil-kburija tiegħek; int wasalt biex qridt minnek in-nifsek l-ewwel ġibdiet, imma kieku l-bnedmin kollha kienu jgħaddu l-ħajja li għaddejt int, il-bnedmin kollha kienu jisfaw meqruda iktar malajr milli kien jiġri kieku kull bniedem kien ikollu dik il-grazzja misterjuża li għal jum wieħed biss jiena tajt lil dan il-qaddej fidil tiegħi. Jien irrid li d-dinja tibqa' mgħammra bilbnedmin, għaliex b'hekk nitfarraġ u fl-istess ħin għaliex kultant tagħtini dehra li tgħaxxaqni. L-isforz tiegħek sabiex tinqata' għal kollox mid-dinja u tagħti ruħek kollok kemm int lili fih x'wieħed ifaħħar, u għalhekk jien naħfirlek l-għelt ikreh tiegħek. Fi ftit kliem, Tooriri ser jidħol fil-ġenna u ser joqgħod fi ħdani għax jien nagħmel isSewwa, iżda inti, ja Maitreya, ser tidħol fis-saltna tiegħi għax jien ħanin."

"Iżda..." qal Maitreya.

Ormuzd rafa' wiċċu 'l fuq u b'leħen imqit qal: "Dak li kelli ngħid, għidtu."

# MARA

Mit-tieqa mbexxqa dieħla l-ewwel dija
fi kmajra siekta, mingħajr ħoss, titlajja;
ħdejn sodda mara tħares, imbikkija,

lej' l-wiċċ ta' żewġha qed imut: bil-qtajja'
minn moħħa għaddejja ħsebijiet qalila,
għax iebsa għal min iħobb firda ta' Ħajja.

Il-Mewt, minn wara l-bieb, tagħti titwila
fuq dik id-dehra, u tifraħ b'qalb għajjura
xħin tara l-ħerba, n-nisel ta' għamilha.

Il-mara għadha hemm... b'ħarsa miksura,
tfakkrek fil-ħarsa ta' Mara oħra kbira
li ħabbet min jaf kemm, u sfat maħqura.

Triegħed kemm kemm, imb'għad twieżen ħarira
ir-raġel f'dirgħajn martu: "Tibżax," qallha
"hemm ħajja aħjar minn din il-ħajja lsira,"

"Imm'int ma tmutx: min ħabb, mhux sew jitħalla
jinqered hekk żagħżugħ!" għajtet il-mara.
"Tibżax, nitlob għalik fis-sema... 'l Alla!"

U rasu, mb'għad, intelqet b'saħħa 'l wara:
quddiem il-Mewt, imbeżżgħa l-mara bkiet
b'qalbha muġugħa, b'ruħ xejn ma jsabbarha...

is-sebħ kien qed jitnikker fis-smewwiet.

Ġużè Chetcuti.

5—11—'39.